# Is-Sena 1913 u l-Parroċċa ta' Kristu Re
# Il-Kungress Ewkaristiku

minn Ramon Attard

F'Malta fis-sena 1913 sar avveniment jew aħjar seħħet ġrajja kbira ta' natura reliġjuża u storika. Kienet ukoll mifruxa kemm fuq livell lokali kif ukoll fuq livell internazzjonali u li Malta kienet vetrina għad-dinja kollha .



Dan kien il-famuż KUNGRESS EWKARISTIKU li sar b'organizzazzjoni perfetta u mill-aqwa, kien Kungress li baqa' magħruf sal-lum il-ġurnata.



Kienet is-sena 1913, meta sar il-KUNGRESS u sar meta Malta l-Arċisqof ta' Malta f'dak iż-żmien kien Mons Pietru Pace. Il-Kungress ġie mħabbar sena qabel eżattament nhar l-Għid l-Kbir tas-sena 1912.

Il-moħħ biex isir dan il-KUNGRESS kien Mons. Pietru Pace nnifsu li bħalma għidna diġà f'dak iż-żmien kien imexxi l-Arċidjoċesi ta'Malta u kif jikteb huwa stess, li fi xjuħitu sa jkollu xorti kbira li jara dan il-KUNGRESS EWKARISTIKU INTERNAZZJONALI jsir f'Malta

It-tħejjijiet bdew eżattament fis-17 ta'Mejju 1912. L-Arċisqof ta' Malta Mons Pietru Pace laqqa' ħafna nies minn kull rokna ta' Malta u ta' kull klassi fl-oratorju tal-Kon Katidral ta' San Ġwann, fost affarijiet oħra l-Arċisqof kien qallhom lil dawk miġbura li kienu daħlu għal biċċa xogħol kbira u iebsa ħafna għax għajnejn id-dinja kollha sa jkunu ffokati fuq Malta matul il-Kungress kollu.

Fiż-żmien u fis-sena fiha sar il-KUNGRESS, l-Arċisqof Pietru Pace kien diġà kellu l-età sabiħa ta' 80 sena, u għalhekk hu stess kiteb li li kellu xorti kbira li jara l-KUNGRESS isir f'Malta .

Għal dan il-KUNGRESS li sar f'Malta kien hawn ħafna personalitajiet kbar u distinti minn madwar id-dinja kollha. Għalkemm aħna ġa semmejna li l-moħħ prinċipali wara dan

il-famuż KUNGRESS kien l-Arċisqof nnifsu Mons Pietru Pace, però l-istess Arċisqof kien sab għajnuna kbira mill-isqof ta' Westminister l-E.T il-Kardinal Bourne u mill-isqof tal-Belt ta' Namur fil-Belġju Mons. Tumas Heylen li kien il-President tal-kumitat li jorganizza l-KUNGRESSI EWKARISTIĊI .

Qabel il-KUNGRESS li sar f'Malta , kien sar diġà f'diversi Bliet u Postijiet oħra madwar id-dinja, u għalhekk tajjeb li nsemmu xi ftit minnhom.



PARIĠI-1888 MONTREAL – 1910
GERUSALEMM – 1893
BRUSSELES – 1898
LOURDES – 1899
MADRID – 1911
RUMA – 1905
LONDRA – 1908
COLOGNE – 1909

L-aħħar wieħed qabel dak ta' Malta kien sar fi Vjenna l-Awstrija fis-sena 1912.

Fost in-nies importanti u prominenti li kien hawn Malta għal dan il-KUNGRESS EWKARISTIKU kien hawn fost l-oħrajn l-E.T il-Kardinal Domenico Ferrata .

Fil-5 ta' Diċembru 1912 kien tħabbar li l-kardinal Domenico Ferrata kien sa jkun il-legat tal-Papa għall-KUNGRSS EWKARISTIKU . Il-kardinal Bourne laqa din l-aħbar sabiħa bl-akbar ferħa, għax ħass li Kardinal li jkun qrib is-Santa Sede jkun aċċettat u rispettat ħafna minn kulħadd.



Tajjeb li nsemmu xi ħaġa fil-qosor dwar il-Legat tal-Papa l-E.T. l-Kardinal Domenico Ferrata .

L-E.T. l-Kardinal Domenico Ferrata kien diplomatiku kbir u ta' esperjenza kbira fil-Politika Ewropea, u l-Kardinal Ferrata żmien aktar qabel diġà kien ġie Malta eżattament f'Ġunju tas-sena 1905. Il-maltin ferħu ħafna li kien ġej il-Kardinal Ferrata. Fl-10 ta' Marzu tal-1913 kien tħabbar ukoll li l-Mons. Federiku Tedeschini kien sa jkun il-kanċillier tal-Kardinal Ferrata, filwaqt li l-Prinċep Barberin u Commander William Humphrey kienu sa jkunu l-paġġi tiegħu waqt il-KUNGRESS EWKARISTIKU kollu .

Il-KUNGRESS EWKARISTIKU li sar f'Malta fis-sena 1913, kien mifrux madwar diversi postijiet madwar il-gżejjer Maltin u Għawdxin. Fost il-postijiet li kien mifrux il-KUNGRESS insibu li l-aktar li kien iċċentrat kien fil-Belt Valletta, il-Floriana u l-Mosta, u hawn ta' min insemmu r-Raħal Ġdid u l-Parroċċa tagħna ddedikata lil Kristu Re li għalkemm il-KUNGRESS ma kienx iffukat fuq Raħal Ġdid, imma hawn rabta kbira ma' dan il-KUNGRESS storiku.

Tajjeb li ngħidu xi ħaġa fil-qosor dwar il-Parroċċa ta' Kristu Re.

Ir-Raħal Ġdid jew aħjar Casal Paola twaqqaf bħala Parroċċa għaliħ billi nqata' mill-

Knisja Parrokkjali u Matriċi ta' Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien fis-sena 1910 li bħalma nafu lkoll, żgur li kulħadd għadu jiftakar il-festi sbieħ li saru fis-sena 2010 sabiex jitfakkar b'mod xieraq l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tal-Parroċċa taħt it-tmexxija tal-ħabrieki kapillan preżenti l-W. R. Kan Dun Vincenz Cachia.



L-ewwel titular tal-Parroċċa kien dak ta' Santa Ubaldeska, aktar tard dan inbidel għall-Qalb Mqaddsa ta' Ġesù u wara sar dak ta' Kristu Re kif għadu sal-lum

Dan it-tempju maestuż li naraw illum inbena propju biex ifakkar dan l-avveniment u din il-ġrajja storika tal-KUNGRESS EWKARISTIKU internazzjonali li sar f'Malta fis-sena 1913 u r-Raħal Ġdid rabat ismu mal-KUNGRESS. Dan it-tempju sabiħ li jinsab fil-qalba tar-raħal u f'post mill-aktar Ċentrali fil-Pjazza eżattament quddiem is-sede tas-soċjetà mużikali tagħna De Paule Banda Kristu Re, tempju li kulma jmur qed jiġi msebbaħ u jieħu dehra Ġdida bit-tħabrik tal-kappillan preżenti l-W. R. il-Kan Dun Vincenz Cachia.

Insemmu issa xi ħaġa fil-qosor dwar żewġ persunaġġi Maltin li rabtu isimhom mal-KUNGRESS EWKARISTIKU.

Żewġ persunaġġi maltin li żgur ma nistgħux nifirduhom mill-KUNGRESS EWKARISTIKU huma l-poeta nazzjonali Mons Dun Karm Psaila (1871-1961) u s-Surmast Ġużeppi Caruana (1880-1931).



Il-poeta nazzjonali Mons Dun Karm Psaila twieled f'Ħaż-Żebbuġ nhar it-18 ta' Ottubru 1871 u tgħallem fl-iskola tal-gvern u fis-seminarju tal-Arċisqof. Ġie ordnat sacerdot fit-18 ta' Mejju 1894 u beda jgħallem fis-seminarju .

Fis-sena 1896, Dun Karm Psaila kien ippubblika l-ewwel ktieb tal-poeżiji tiegħu bit-Taljan ''FOGLIE D' ALLORO li kien fih ġabra ta 37 poeżija, u fl-1903 ħareġ Versi, kollezzjoni ta' ġabra ta' poeżiji bit-Taljan ukoll.

Wara r-riformi ekkleżjastiċi tal-1910 Dun Karm mar jgħix għal żmien twil waħdu fi Triq l-Ifran il-Belt Valletta fejn dam jgħix hemm sal-1936 u wara l-mewt t'Ommu kien ispirat mis-solitudni li sab ruħu fiha.

Il-poeta nazzjonali Mons Dun Karm Psaila huwa l-awtur tal-kliem tal-innu uffiċjali tal-KUNGRESS EWKARISTIKU internazzjonali li sar f'Malta fis-sena 1913.

L-innu uffiċjali tal-KUNGRESS EWKARISTIKU bit-titlu oriġinali bit-taljan T'ADORIAM OSTIA DIVINA kien jinstema' spiss matul il-KUNGRESS kollu u li aktar tard ġie maqlub għall-Malti mill-poeta nazzjonali stess Mons Dun Karm Psaila. Dan l-innu għandu melodija sempliċi, tal-widna u mexxejja ħafna fuq kompożizzjoni tas-surmast Ġużeppi Caruana mill-Belt Valletta . Dan l-innu kien ġie milqugħ tajjeb ħafna minn kulħadd, tant li wara li għaddew 100 sena minn meta sar il-KUNGRESS EWKARISTIKU

dan l-innu għadu ħaj fostna u fil-knejjes u l-Parroċċi tagħna u jinsab ukoll barra mill-gżejjer tagħna ukoll peress li xi kungressisti li kienu Malta tant għoġobhom li ħaduh magħhom f'pajjiżhom u qalbuh bil-lingwa tagħhom ukoll allura dan l-innu nistgħu ngħidu li huwa ukoll innu internazzjonali.

It-tieni persunaġġ importanti li sa nitkellmu dwaru issa u li ismu ntrabat ukoll mal-KUNGRESS EWKARISTIKU huwa s-surmast Ġużeppi Caruana (1880-1931).

Is-Surmast Ġużeppi Caruana twieled fil-Belt Valletta nhar l-1 ta' Ġunju 1880. Ommu kien jisimha Lunzjata nee Callus u Missieru Censinu Caruana. Tgħammed l-għada li twieled jiġifieri nhar it-2 ta' Ġunju 1880 fl-Insinji Bażilka, Parroċċa Matriċi u Prinċipali ta' Sidtna Marija tal-Porto Salvo u San Duminku tal-Belt Valletta bħala iben dehen tal-Parroċċa kif kien jixraq. Is-Saċerdot li għammed lis-Surmast Ġużeppi Caruana kien Patri Raymond Falzon O.P.

Ħutu ta'warajh kien jisimhom, Rafel, Duminku u Marija li kienet mietet żgħira ħafna. Minkejja l-ħajja mwiegħra tal-familja Censinu Caruana xorta waħda rnexxilu jagħtihom l-iskola u l-aħjar edukazzjoni possibli sa fejn seta'. Ġużeppi, Rafel u Duminku marru jitgħallmu l-iskola tal-gvern l-Belt Valletta stess. Imbgħad il-fustani u ż-żgħir għaddew għall-Università ta' Malta filwaqt li Ġużeppi lil missieru qallu li jrid jagħtiha għall-mużika, fuq hekk beda jmur l-iskola tal-mużika l-aqwa waħda f'dawk iż-żminijiet u li wkoll kienet immexxija minn wieħed mill-aqwa mużiċisti li kien hawn f'dawk iż-żminijiet is-Surmast Paolino Vassallo. Is-Surmast Ġużeppi Caruana kellu ukoll vuċi ta' tenur mill-aqwa. Imma missieru ġie bejn ħaltejn. Rafel kien ta għall-prokuratur legali u ħuh Duminku għal Spiżjar u fil-fatt 'il quddiem laħqu imma ibnu Ġużeppi kif kien sa jiekol bil-mużika?



Is-Surmast Ġużeppi Caruana bħala MAESTRO DI CAPPELLA.

Wieħed mix-xogħlijiet mużikali u bikrin tas-surmast Ġużeppi Caruana kien il-mutett "O DEL CIELO GRAN REGINA" (1901). Malli wieħed jisma' dan l-innu mall-ewwel jintebaħ bil-vina melodjuża li kellu minkejja li kien għad kellu biss l-età ta' 21 sena. Id-disinn jinstema' armonjuż, ċar u għani fil-formazzjoni, b'funzjoni mill-aqwa biex issieħeb lill-kant .

Nhar it-22 ta' Novembru 1903, il-Papa Piju X kien xandar il-Moto Propio "TRE LE SOLLECITUDINI" bil-ħsieb li jwaqqaf l-abbużi li kienet għaddejja minnhom il-mużika Ekklezjastika. Is-surmast Paolino Vassallo kien wieħed minn tal-ewwel fost il-mużiċisti Maltin li laqa bil-ferħ kollu din ir-riforma fil-mużika liturġika. Is-surmast Ġużeppi Caruana bħala student tas-surmast Paolino Vassallo kien hu wkoll minn tal-ewwel li mexa ma' din ir-riforma.

Is-surmast Ġużeppi Caruana beda jiġi fdat minn xi kappillani biex ikun il-Maestro Di Cappella tal-knisja jew Parroċċa tagħhom biex jagħti servizz mużikali bil-kor u l-orkestra tiegħu. Fl-1909 sar il-Maestro Di Cappella tal-knisja ta' San Ġakbu li tinsab fi Triq il-Merkanti fil-Belt Valletta u aktar tard sar ukoll il-Maestro Di Cappella tal-Insinji Bażilka Parroċċa Matrici u Prinċipali ta' Sidtna Marija tal-Porto Salvo u San Duminku tal-Belt Valletta, wara kollox kif kien xieraq minħabba li kienet il-Parroċċa tiegħu u li kiber fiha. Nsibu wkoll li jissemma li s-surmast Ġużeppi Caruana kien ukoll il-Maestro Di Cappella tal-Parroċċa ta'

Kristu Re wkoll. Is-servizzi mużikali tiegħu kienu jkunu servizzi serji b'mużika b'melodija sabiħa u fl-istess ħin sempliċi u tal-widna. Meta kien jikteb xi biċċa mużika ġdida kien jibgħatha Ruma għall-approvazzjoni u dejjem tiġi mfaħħra għas-sentiment reliġjuż qawwi li kellu u sens kbir ta' devozzjoni. L-ikbar mużika li kien iħobb jikteb kienet il-mużika b'tema Marjana, jiġifieri innijiet ta'tifħir f'ġieħ Ommna Marija minħabba s-sens qawwi ta'devozzjoni lejn sidtna Marija. Tajjeb li nsemmu waqt li kien fuq is-sodda tal-mewt tiegħu nhar il-21 ta' Novembru beda jgħid Xi ġmiel, Xi ġmiel u jingħad li dak il-ħin żgur li kien qed jara lil Sidtna Marija.

## Iż-Żwieġ tas-Surmast Ġużeppi Caruana



Is-surmast Ġużeppi Caruana kellu jitħallat mal-familja ta' Anna Conti u Salvatore Laspina li kienu ta' nisel Taljan imma li kienu joqogħdu l-Belt Valletta. Laspina kellu ħdax tfal, Ġużeppi Caruana ħa grazzja mal-ħames waħda li kien jisimha Elena.

Ta' Laspina kienu jafuh sew lil Caruana. Ħamest ibniet minnhom fosthom Elena kienu jmorru fil-kor tas-surmast Caruana, kif ukoll jmorru għandu biex jitgħallmu ukoll il-mużika kemm bħala teorija u kemm bħala prattika tal-kant.

L-għerusija ta' bejniethom ma tantx ħadet wisq fit-tul kulma damet kien biss sitt xhur, li huwa żmien xi ftit jew wisq qasir u minħabba t-taħbit tal-KUNGRESS EWKARISTIKU ż-żewġ namrati kienu jaraw biss lil xulxin fid-dar ta' Laspina biss, jiġifieri ma tantx kienu jiltaqgħu ta' spiss. Biss biss Caruana kellu jikkomponi l-innu magħruf "Salve O Padre" fuq it-test ta' Dun Pawl Vella bħala merħba għall-kardinal bħala legat tal-Papa.

Iż-żwieg bejn is-surmast Caruana u Elena Laspina seħħ nhar l-24 ta' Ġunju tas-sena 1913 propju fis-sena tal-KUNGRESS EWKARISTIKU li tinsab fil-bidu ta' Triq il-Merkanti u li tagħmel parti wkoll mal-Knisja Parrokkjali ta' San Duminku. Ir-riċeviment kien sar fil-lukanda Osborne fil-Belt Valletta stess.




*L-innu "T'Adoriam Ostia Divina" ippubblikat Palermo.*

## L-Innu Uffiċjali Tal-Kungress Ewkaristiku
## T'adoriam Ostia Divina

(Nadurawk ja ħobż tas-sema)

Fost il-preparamenti kbar li kienu qegħdin isiru għall-KUNGRESS EWKARISTIKU nħasset il-ħtieġa li jsir l-innu uffiċjali sabiex ikun jista' jitkanta u jiġi esegwit matul il-ġranet

kollha tal-kungress, għalhekk tajjeb li bħala l-għeluq ta' dan l-artiklu nagħtu ħarsa fil-qosor ta' kif twieled dan l-innu tant sabiħ u li fortunatament għadu popolari u magħruf sal-lum.

Dan l-innu huwa minsuġ minn żewġ persunaġġi kbar Maltin bħalna u li huma magħrufin sew fl-oqsma tagħhom, sew fil-qasam tal-versi u kif ukoll fil-qasam mużikali. Dawn iż-żewġ persunaġġi kbar huma l-poeta nazzjonali Mons. Dun Karm Psaila minn Ħaż-Żebbuġ Malta u s-surmast Ġużeppi Caruana mill-Belt Valletta u li kienu ħbieb kbar u intimi ta'xulxin.

Darba fost l-oħrajn, is-surmast Ġużeppi Caruana kien qed jippassiġġa fi Strada Rjali l-Belt Valletta u ltaqa' mal-poeta nazzjonali Mons. Dun Karm Psaila u s-surmast Caruana ta' żewġ ħbieb kbar u kunfidenti li kienu qallu KARM nixtieqek tagħmilli ftit versi biex nagħmillhom il-mużika għall-innu uffiċjali tal-KUNGRESS EWKARISTIKU. U Dun Karm kien iħobb iġorr miegħu xi karti b'xi ftit versi li kien iħobb jikteb u ħareġ xi karti u qallu ĠUŻ ara jogħġbukx dawn, u ta' żewġ ħbieb kbar li kienu u hawn tispikka l-intimità li kellhom bejniethom qallu KARM mhux dawn il-versi li nixtieq jien ta, qallu ara tgħamillix xi ħaġa aħjar u ftehmu biex jerġgħu jiltaqgħu u din id-darba ftehmu biex jiltaqgħu fil-Kon Katidral ta' San Ġwann u l-għada reġgħu ltaqgħu fil-Kon Katidral ta' San Ġwann fit-tieni kolonnat u qallu ĠUŻ ara jogħġbukx xi ħaġa hekk u s-surmast Caruana beda jaqrahom u jiflihom sewwa u qallu KARM dawn huma l-versi li nixtieq u minn dak il-ħin stess ħarġet it-tema tal-innu T'ADORIAM OSTIA DIVINA 'NADURAWK JA ĦOBŻ TAS-SEMA'.

L-innu kif tkanta matul il-KUNGRESS EWKARISTIKU kien bit-tema oriġinali bit-taljan T'ADORIAM OSTIA DIVINA . Minn wara l-KUNGRESS dan l-innu baqa' popolari u milqugħ tajjeb ħafna kemm f'Malta u anke barra minn xtutna, tant li xi kungressisti li kienu ġew għall-KUNGRESS ta' Malta ħaduh magħhom f'pajjiżhom ukoll u qalbuh ukoll għal-lingwa rispettiva tagħhom. Dan l-innu jinsab fi tliet lingwi li nafu bihom żgur. Dawn huma l-lingwa oriġinali li nkiteb biha jiġifieri t-taljan T'ADORIAM OSTIA DIVINA, bl-ingliż HOST DIVINE WE BOW IN WORSHIP u l-lingwa tagħna Maltija NADURAWK JA ĦOBŻ TAS-SEMA. Għalhekk dan l-innu tant sabiħ u popolari ta' tifħir lil Ġesù Ewkaristija flimkien mal-KUNGRESS EWKARISTIKU sa jagħlaq ukoll l-100 sena minn meta nkiteb u nstema' jitkanta u jindaqq għall-ewwel darba (1913-2013).

